



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13864/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0348(NLE)

VISA 136
COAFR 367
MIGR 172

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 783 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 783 final.

Mehmuż: COM(2020) 783 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2020
COM(2020) 783 final

2020/0348 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Cabo Verde u l-UE ibbenefikaw minn relazzjoni mill-qrib u kostruttiva ħafna għal aktar minn 35 sena, primarjament ibbażata fuq kooperazzjoni għall-iżvilupp sinifikanti u kontinwa. Minn Novembru 2007, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Cabo Verde huma rregolati mis-Sħubija Speċjali bejn l-UE u Cabo Verde, li tirrappreżenta strument ambizzjuż għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali, u tikkostitwixxi każ uniku fost il-Grupp ta' Stati Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP). Wieheh mill-oġġettivi tas-Sħubija Speċjali huwa li jissaħħu l-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni bejn iċ-ċittadini tal-UE u ta' Cabo Verde, kif ukoll li tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari. Fil-qafas ta' din is-sħubija, fl-2008 Cabo Verde, bħala l-ewwel pajjiż Afrikan, ikkonkluda Sħubija għall-Mobbiltà mal-UE u, sussegwentement, Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra lil ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea¹, adottat b'mod parallel ma' Ftehim dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni². Iż-żewġ Ftehimiet dahl fuq fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014.

Wara kważi 5 snin ta' implimentazzjoni ta' dawn il-Ftehimiet u fid-dawl tal-bidliet li saru kemm fil-leġiżlazzjoni domestika tal-UE kif ukoll f'dik ta' Cabo Verde relatati mal-viżi, jiġifieri r-reviżjoni tal-Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi³ u d-deċiżjoni ta' Cabo Verde li i-ċittadini tal-UE jiġu eżentati mill-ħtieġa tal-viża għal soġġorni sa 30 jum⁴, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-ftehim eżistenti esplora l-ħtieġa li jiġu emendati ċerti regoli stabbiliti b'dan il-mod, bil-ħsieb li jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi li nbidlu.

Abbażi ta' dan, fit-13 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat Rakkomandazzjoni⁵ lill-Kunsill bil-ħsieb li jinkisbu direttivi biex jiġi nnegożjat Ftehim li jemenda l-Ftehim eżistenti dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża mar-Repubblika ta' Cabo Verde.

Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill⁶ fid-29 t'Ottubru 2019, in-negożjati mar-Repubblika ta' Cabo Verde nfetħu formalment fi Brussell fit-28 ta' Novembru 2019. Sar ċiklu ieħor ta' taħditiet fit-30 ta' Jannar 2020 fi Praia, fejn in-negożjaturi ewlenin laħqu qbil ta' prinċipju dwar l-abbozz tat-test. In-negożjaturi ewlenin inizzjalaw it-test tal-ftehim fl-24 ta' Lulju 2020 permezz ta' skambju ta' posta elettronika.

L-Istati Membri ġew mgħarrfa u kkonsultati b'mod regolari fl-istadji kollha tan-negożjati waqt il-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti. L-abbozz finali tat-test tal-Ftehim kien kondiviż mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża u ġie approvat b'mod ġenerali, permezz ta' proċedura ta' silenju, fis-27 ta' Marzu 2020.

Il-proposti meħmużin jikkostitwixxu l-istrumenti legali għall-iffirmar tal-Ftehim. Il-Kunsill se jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

¹ ĠU L 282, 24.10.2013, p. 3-12.

² ĠU L 282, 24.10.2013, p. 15.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi). ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25-54.

⁴ Bullettin Uffiċjali tar-Repubblika ta' Cabo Verde I.54, 13.8.2018, p. 1350.

⁵ COM(2019) 417 final.

⁶ Ares(2019)6870996.

2. L-GĦAN U L-KONTENUT TAL-FTEHIM

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "il-Ftehim") għandu l-għan li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn intiż ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li ntlaħqu l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-abbozz tal-Ftehim hu aċċettabbli għall-Unjoni.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jitqassar kif ġej:

- it-tariffa tal-viża għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet titnaqqas għal 75 % tal-ammont li għandu jiġi impost skont il-leġiżlazzjoni domestika applikabbli (jiġifieri EUR 60 għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde). Din it-tariffa tiġi applikata għall-applikanti kollha għal viża. Barra minn hekk, il-konjuġi, it-tfal (inklużi t-tfal adottati) taħt l-età ta' 21-il sena jew dipendenti, u l-ġenituri ta' ċittadini ta' Cabo Verde li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, jew ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tagħhom huma kompletament eżentati minn dan ir-rekwiżit. Barra minn hekk, għal tfal li għandhom mill-inqas 12-il sena (iżda taħt it-18-il sena) il-ħlas ikompli jitnaqqas b' 50 % tat-tariffa ġeneralment applikabbli (jiġifieri EUR 30 għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde);

- id-dokumenti dwar l-iskop tal-vjaġġ li għandhom jiġu ppreżentati ġew simplifikati għall-kategoriji li ġejjin ta' applikanti: membri ta' delegazzjonijiet uffiċjali; negozjanti; konjuġi, tfal u ġenituri ta' ċittadini tal-Unjoni jew ċittadini ta' Cabo Verde li jirrisjedu legalment fl-UE; tfal tal-iskola, studenti u studenti postuniversitarji; parteċipanti f'avvenimenti xjentifiċi, kulturali, sportivi u reliġjużi; ġurnalisti u ekwipaġġ li jakkumpanjahom; persuni li jivvjaġġaw għal raġunijiet mediċi. Għal dawn il-kategoriji ta' persuni, jistgħu jintalbu biss id-dokumenti elenkati fil-ftehim biex jiġi ġġustifikat l-għan tal-vjaġġ. l-applikanti li legalment użaw viża preċedenti għal dħul multiplu valida għal mill-inqas sena huma eżentati milli jagħtu prova tal-prova tal-akkomodazzjoni.

- ir-regoli għall-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu ġew emendati billi saret enfasi fuq l-użu legali preċedenti tal-viżi matul perjodi ta' referenza partikolari minflok fuq l-iskopijiet tal-ivvjaġġar tal-applikanti: bħala regola, tinħareġ viża għal dħul multiplu ta' 1 snin lil daww l-applikanti li jkunu użaw legalment viża waħda fit-18-il xahar preċedenti; tinħareġ viża ta' sentejn għal dħul multiplu lil daww l-applikanti li jkunu użaw legalment viża għal dħul multiplu ta' sena fit-30 xahar preċedenti; viża għal dħul multiplu ta' bejn 3 u 5 snin tinħareġ lil daww l-applikanti li jkunu użaw legalment viża għal dħul multiplu ta' sentejn fit-42 xahar preċedenti.

- id-detenturi ta' laissez-passer validu tal-UE huma eżentati mir-rekwiżit tal-viża għal soġġorni qosra.

- il-klawżoli finali jipprovdu l-possibbiltà għall-Partijiet li jissospendu l-ftehim, kollu jew parti minnu, għal kwalunkwe raġuni meqjusa xierqa. Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 12(5) tal-Ftehim dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni tal-Ftehim tipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet ta' sospensjoni, bħall-ordni pubbliku, il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew is-saħħa pubblika, għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija jew għan-nuqqas ta' kooperazzjoni fil-qasam tar-riammissjoni;

- il-klawżola ġenerali tal-Ftehim hija emendata bil-ħsieb li jiġi żgurat li: il-faċilitazzjoni mogħtija liċ-ċittadini ta' Cabo Verde tingħata liċ-ċittadini tal-Unjoni jekk ir-rekwiżit tal-viża għal soġġorni sa 30 jum jiġi impost mill-ġdid għaż-żjara tagħhom f'Cabo Verde; tal-inqas l-istess faċilitazzjoni tingħata liċ-ċittadini tal-Unjoni f'każ li japplikaw għal viża ta' Cabo

Verde għal soġġorni ta' aktar minn 30 jum iżda mhux aktar minn 90 jum. Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-regoli għall-ġhoti ta' viżi lil Cabo Verde liċ-ċittadini tal-Unjoni għal soġġorni ta' aktar minn 30 jum u li ma jaqbx id-90 jum hija meħmuża mal-Ftehim u tispeċifika li ċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu japplikaw lill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju ta' Cabo Verde għal estensjoni tas-soġġorn tagħhom;

– id-dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-iskambju regolari ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tad-dokumenti tal-ivvjaġġar hija emendata bil-ħsieb li tinkludi referenza għal-leġiżlazzjoni interna ta' Cabo Verde li tintroduċi dokumenti tal-ivvjaġġar bijometriċi;

– is-sitwazzjonijiet speċifiċi tad-Danimarka u l-Irlanda huma riflessi fil-preambolu u f'Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta hija ppreżentata lill-Kunsill sabiex jawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim.

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklussiva)

Skont l-Artikolu 77(2)(a) TFUE, in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet li d-dispożizzjonijiet tagħhom jaffettwaw ir-regoli għall-ħruġ ta' viżi ta' Schengen għal soġġorn qasir jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

• Proporzjonalità

Il-proposta attwali ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv segwit, jiġifieri l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali li jiffaċilita l-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini ta' Cabo Verde u tfuq bażi ta' reċiproċità liċ-ċittadini tal-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĖITARJI

Din il-proposta ma tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONI

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jawtorizza lill-President tal-Kunsill biex jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li [kkunsidra l-proposta/kkunsidraw il-proposta] tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' Cabo Verde għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea ('il-Ftehim'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mill-Partijiet fit-30 ta' Jannar 2020 u t-test ġie inizjalat permezz ta' skambju ta' emails fl-24 ta' Lulju 2020.
- (2) Is-sħubija Speċjali bejn l-Unjoni u Cabo Verde ġiet approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-19 ta' Novembru 2007⁷. Wieħed mill-oġettivi tas-Sħubija Speċjali huwa li jissaħħu l-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni bejn iċ-ċittadini tal-UE u ta' Cabo Verde, kif ukoll li tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari.
- (3) Fl-1 ta' Diċembru 2014, daħal fis-seħħ il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea⁸.
- (4) Fid-dawl tal-bidliet li nbidlu fil-leġiżlazzjoni domestika tal-Partijiet u abbażi tar-reazzjoni ipprovduta mill-Kumitat Konġunt inkarigat bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim imsemmi fil-paragrafu preċedenti, l-għan tal-Ftehim huwa li jaġġusta u jikkomplementa wħud mid-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini ta' Cabo Verde u, fuq il-bażi ta' reċiproċità, tal-Unjoni għal soġġorn intenzjonat ta' mhux aktar minn 90 jum għal kull perjodu ta' 180 jum.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde (19 ta' Novembru 2007); Ref. Dok. 15113/07.

⁸ ĠU L 282, 24.10.2013, p. 3.

Kunsill 2002/192/KE⁹. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Għaldaqstant, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, sakemm jiġi konkluż f'data aktar tard filwaqt li jiġu approvati d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cabo Verde u tal-Unjoni Ewropea ('il-Ftehim') għalhekk huwa approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi ffirmat huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti annessi ma' dan il-Ftehim għandhom jiġu approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Ftehim, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim, għall-persuna(i) indikata(i) min-negożjatur tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).